MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Numru 24/2010

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**v.**

**Ilona Bartolo”**

Il-Qorti,

Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Mary Anne Zammit ta’ l-1 ta’ Dicembru 2011 li bih ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn infurmat lil din il-Qorti li l-imsemmija Ilona Bartolo kienet naqset milli toqghod ghad-direttivi moghtija lilha mill-istess ufficjal tal-*probation* sabiex tiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga;

Rat id-digriet taghha ta' l-istess jum li bih appuntat id-denunzja ghas-smigh ghad-9 ta' Dicembru 201l fil-11.30 a.m.;

Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Mary Anne Zammit kif ukoll ta' Noel Bartolo, missier il-*probationer* ;

Ikkunsidrat:

Deher mill-ewwel illi l-*probationer* ma tantx kellha motivazzjoni sabiex tibda programm ta' rijabilitazzjoni minhabba problema ta' abbuz tad-droga u li kien allura essenzjali illi din il-Qorti tuza l-mezzi disponibbli sabiex tipperswadi lill-*probationer* taghmel tali programm. Sadattant kienu diga` saru kuntatti ma' l-OASI gewwa Ghawdex u effettivament il-*probationer* bdiet programm residenzjali hemm izda malajr tkecciet peress illi ma kinitx qed issegwi r-regolamenti. Sussegwentement bdiet programm residenzjali Santa Maria, taht l-awspici tas-SEDQA, u dan wara perijodu fl-Isptar Monte Carmeli. Bdiet dan il-programm fil-5 ta' Mejju 2011 u, ghalkemm bil-mod, kien qed jigi registrat progress. Sfortunatament fl-14 ta' Ottubru 2011 qabdet u telqet mill-programm, irrifjutat li tmur tirrisjedi mal-genituri taghha u marret mal-familja ta' certu Kurtis Bakush li kien ukoll fil-programm u telqet minn hemm mieghu. Kwazi minnufih illi harget mill-programm hija abbuzat mill-eroina kif ammettiet ma' l-ufficjal tal-*probation* taghha.

Issa, l-imsemmija Ilona Bartolo kienet tqieghdet taht *probation* ghal perijodu ta' sittax-il xahar b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Marzu 2010 wara li, fuq ammissjoni, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imsemmija Ilona Bartolo hatja talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Jannar 2010 u fl-erba' snin ta' qabel, kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ordni ta' *probation* ta' l-istess data maghmul fil-konfront ta' Ilona Bartolo  stabbilixxiet is-segwenti kondizzjonijiet:

**"1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-*probation officer* u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilha;**

**"2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu/ha j/tirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sitt xhur.**

**"3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha;**

**"4. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li taghtiha minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-ufficjal tal-*probation* ikun/tkun irid/trid, tircievi zjarat ta' l-istess ufficjal tal-*probation*."**

Evidentement il-*probationer* kisret b'mod sfaccat id-direttivi moghtija lilha mill-ufficjal tal-*probation* persistentement. Hija tassew hasra illi, nonostante x-xoghol kollu li ghamlu l-ufficjal tal-*probation*, l-addetti ta' l-OASI, tas-SEDQA u anke tal-CARITAS, u s-*support* kollu li l-genituri tal-*probationer* taw konsistentement u f'kull

cirkostanza, l-imsemmija Ilona Bartolo ddecidiet li taghmel ta’ rasha u tinjora dawn l-isforzi u din l-ghajnuna li ilha tinghata. Sahansitra llum stess il-psikjatra Dr. Anton Grech informa lill-Qorti li l-*probationer* stqarret mieghu li ma trid taghmel ebda forma ta’ programm. Din il-Qorti tqis tali ksur bhala nuqqas serjissimu u ghalhekk sejra issa tittratta mal-*probationer* skond kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta billi tittratta maghha mill-gdid ghar-reat li tieghu kienet instabet hatja bis-sentenza precitata.

Ghal dawn il-motivi:

Din il-Qorti, wara li rat l-imputazzjoni msemmija dedotta kontra Ilona Bartolo u li dwarha l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, permezz tas-sentenza taghha ta’ l-1 ta’ Marzu 2010 akkordatilha l-beneficcju ta’ ordni ta’ *probation*, u tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Ilona Bartolo kisret il-kundizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ *probation* ta’ l-1 ta’ Marzu 2010 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, tittratta maghha ghall-imputazzjoni li dwarha hi kienet tpoggiet taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward ta’ l-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-ordni ta’ *probation* maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolament 9 tal-G.N. 292/1939, tikkundanna lill-imsemmija Ilona Bartolo ghal prigunerija ghal perijodu ta’ seba’ xhur. Jekk il-hatja tiddeciedi illi trid tidhol fi programm residenzjali ta’ rijabilitazzjoni, dan tista’ taghmlu issa bl-assistenza tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------